MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 1123/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Anthony Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru: 1123/2014**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza kontra Anthony Cassar, ta' 53 sena, iben il-mejtin Anthony u Josephine nee Caruana, imwieled Rabat Ghawdex fid-29 ta' Lulju 1961, residenti

Villa Pergola, Triq il-Pergal, Xaghra Ghawdex, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 036061(G).

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin f’ Lulju 2013 b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, b’ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama’ jew biza’ ta’ xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan bi hsara ta’ Bajja Investments Limited u/jew id-diretturi ta’l-istess kumpanija.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat Anthony Cassar bhala li sar recidiv u dan ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi mghotija lilu mill-Qorti tal-Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rta l-artikoli 49, 50, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali ta’ l-imputat. Hadet in konisderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, ammetta f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u kien lahaq hallas l-ammont kollu dovut lill-parte civile qabel ma nbdew dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------